Nru. 17,679
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' Novembru, 2004
Friday, 19th November, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1184

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn is-17 u l-21 ta' Novembru, 2004, iż-żewġ dati inklużi, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

Id-19 ta' Novembru, 2004
MJ 207/89/VII

Nru. 1185

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Kumitat ta' l-Appelli

SKOND l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, 2003, (Kap. 464), il-Prim Ministru approva l-ħatra tal-President u l-Membri tal-Kumitat ta' l-Appelli għall-Professjonijiet tas-Saħħa. Din il-ħatra hija għall-perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-20 ta' Ottubru 2004.

President
Dott. Joseph Zammit Maempel
Membri
Il-Prof. George Camilleri
Ms Lilian Wismayer
Ms Isabelle Avallone
Ms Marjorie Bonello
Dott. Raymond Busuttil

Il-Prof. Roger Ellul-Micallef
(Nominat mill-Università ta' Malta biex iservi fuq il-Kumitat ta' l-Appelli).

L-10 ta' Novembru, 2004
MH/2/2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 1184

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, has designated the Hon. Mr Justice Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 17th and 21st November, 2004, both days inclusive, during the absence of His Honour the Chief Justice.

19th November, 2004

No. 1185

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Appeals Committee

IN terms of article 49 of the Health Care Professions Act, 2003 (Cap. 464), the Prime Minister has approved the appointment of the President and Members of the Appeals Committee for Healthcare Professions. The appointment is for a period of three years with effect from the 20th October, 2004.

President
Dr Joseph Zammit Maempel
Members
Prof. George Camilleri
Ms Lilian Wismayer
Ms Isabelle Avallone
Ms Marjorie Bonello
Dr Raymond Busuttil

Prof. Roger Ellul-Micallef
(Nominated by the University of Malta to serve on the Appeals Committee).

10th November, 2004

Nru. 1186

ATT DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONI DWAR ARMI KIMIĊI (ATT NRU. V TA' L-1997)

Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi

SKOND l-artikolu 5 ta' l-Att ta' 1997 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi (Att Nru. V ta' l-1997) il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin stabilixxa kif ġej l-Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi mis-17 ta' Novembru, 2004:

Direttur
Il-Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C CHEM, FRSC.

Spettur
Is-Sur John Sammut

Membri
Is-Sur Giovanni Miceli
Is-Sur Albert Gambin
Is-Sur Martin Valentino

Id-19 ta' Novembru, 2004

No. 1186

RATIFICATION OF CHEMICAL WEAPONS CONVENTION ACT, 1997 (ACT NO. V OF 1997)

National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention

IN terms of section 5 of the Ratification of the Chemical Weapons Convention Act, 1997, the Minister of Foreign Affairs has established the National Authority for the Implementation of the Chemical Weapons Convention, as from the 17th November 2004, as follows:

Director
Prof. Alfred J. Vella, BSc, MSc, PhD, C CHEM, FRSC.

Inspector
Mr John Sammut

Members
Mr Giovanni Miceli
Mr Albert Gambin
Mr Martin Valentino

19th November, 2004

Nru. 1187

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-hatra temporanja li ġejja:–

No. 1187

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	17.11 – 23.11.2004

Id-19 ta' Novembru, 2004

19th November, 2004

Nru. 1188

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-

No. 1188

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has

Nutar Dott. Nicolette Vella, LL.D., bħala Nutar Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. John Debono, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mid-29 ta' Ottubru, 2004 sat-3 ta' Novembru, 2004.

Carmel Muscat
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-9 ta' Novembru, 2004

appointed Notary Dr Nicolette Vella, LL.D., to be Notary Keeper for Notary Dr John Debono, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 29th October, 2004 till the 3rd November, 2004.

Carmel Muscat
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

9th November, 2004

Nru. 1189

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Maria Briffa, LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Elsa Cardona, LL.D., b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2004 sat-12 ta' Novembru 2004, għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Joseph Borg
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-6 ta' Ottubru, 2004

No. 1189

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Briffa, LL.D., to be Notary Delegate and Keeper for Notary Dr Elsa Cardona, LL.D., with effect from 1st November 2004 to the 12th November 2004, during the latter's absence from these Islands.

Joseph Borg
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

6th October, 2004

Nru. 1190

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 1190

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
12. 11. 04	Lm4.72c7	9c1
15. 11. 04	Lm4.74c2	9c2
16. 11. 04	Lm4.74c6	9c2
17. 11. 04	Lm4.76c1	9c2
18. 11. 04	Lm4.79c1	9c2

Id-19 ta' Novembru, 2004

19th November, 2004

Nru. 1191

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SWIEQI

Korrezzjonijiet u Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1054, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru, 2004, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fis-Swieqi', inklużi l-Ibraġ u l-Madliena, għandhom isiru dawn il-korrezzjonijiet u emendi:

No. 1191

RENUMBERING OF DOORS AT SWIEQI

Corrections and Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1054, published in Government Gazette dated 8th October, 2004, under the title of 'Renumbering of Doors at Swieqi', including Ibraġ and Madliena, the following corrections and amendments should be made:

5. TRIQ IS-SWIEQI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq L-Għarbiel

Left side entering from Triq L-Għarbiel

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	39
2	41
4	55
Garage	57
Garage	147
Tal-Barradi	149

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq L-Għarbiel

Right side entering from Triq L-Għarbiel

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sandalwood	114
Ceddarwood	116

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	39
House A without number	39A
2	41
4	55
House B without number	55A
Garage	57
Garage	147
Garage	147A
Garage	147B
Tal-Barradi	149

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Ceddarwood	114
Sandalwood	116

6. TRIQ VILLA ROSA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq In-Nemes

Left side entering from Triq In-Nemes

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Back Door (Kantuniera)	7

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq In-Nemes

Right side entering from Triq In-Nemes

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

Garage	9
Back Door	11
Garage	13
Garage	15
Yard Gate	17

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	7		
Back Door	9		
Garage	11		
Garage	13		
Yard Gate	15		

8. TRIQ F. VIDAL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Il-Pulzier

Left side entering from Triq Il-Pulzier

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
House under construction	51

Għandu jiżdied
Should include

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
House under construction	51
Garages' Entrance	53

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Il-Pulzier

Right side entering from Triq Il-Pulzier

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

13. TRIQ IL-MARGERITA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Il-Buganvilla

Left side entering from Triq Il-Buganvilla

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garden Gate	15
Xekina	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Il-Buganvilla

Right side entering from Triq Il-Buganvilla

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garden Gate	15		
Back Door	17		

18. DAĦLET IL-FAWNA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq il-Madliena

Left side entering from Triq il-Madliena

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	5
Villa Veduta	6

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	5
Garage	5A
Villa Veduta	6

23. TRIQ IL- WARD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq il-Bir

Left side entering from Triq il-Bir

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Seaview Court	19

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq il-Bir

Right side entering from Triq il-Bir

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

Għandu jiżdied
Should include

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Seaview Court	19		
Garage	21		

Id-19 ta' Novembru, 2004 19th November, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 108

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Diċembru 2004 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Pellegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ġdida, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl, ix-Xatt ta' Bormla u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar it-Tnejn, is-6 ta' Diċembru 2004 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Ricardo Taylor, l-Oratorjo, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace u Santa Teresa.

Nhar it-Tlieta, is-7 ta' Diċembru 2004 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Bieb Santa Elena, il-Pellegrinaġġ, il-25 ta' Ġunju 1903, Pjazza Paolino Vassallo, il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju u x-Xatt ta' Bormla.

Nhar il-Erbgħa, it-8 ta' Diċembru 2004 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġwann, San Ġwann T'Għuxa, San Franġisk, il-Ġdida, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, l-Oratorju, Santa Margerita, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża u San Pawl.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Novembru, 2004

POLICE NOTICE

No. 108

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Sunday, 5th December 2004 from 4.30 p.m. onwards through the following streets: il-Pellegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ġdida, St Paul's Church Area, ix-Xatt ta' Bormla and Pjazza Paolino Vassallo.

On Monday, 6th December 2004 from 4.30 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Ricardo Taylor, l-Oratorju, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace and Santa Teresa.

On Tuesday, 7th December 2004 from 4.30 p.m. onwards through the following streets: Bieb Santa Elena, il-Pellegrinaġġ, il-25 ta' Ġunju 1903, Pjazza Paolino Vassallo, il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju and ix-Xatt ta' Bormla.

On Wednesday, 8th December 2004 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: San Ġwann, San Ġwann T'Għuxa, San Franġisk, il-Ġdida, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, l-Oratorju, Santa Margerita, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża and San Pawl.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to towing.

19th November, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA, ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Laboratory Technologists* b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Laboratory Technologists* b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' *Casual Substitute Medical Laboratory Technologist* ikun bir-rata ta' Lm4,798 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Medical Laboratory Technologist*.

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Engagement of Casual Substitute Medical Laboratory Technologists on Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care invites applications for the engagement of Casual Substitute Medical Laboratory Technologists on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Medical Laboratory Technologist will be at the rate of Lm4,798 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Medical Laboratory Technologist.

3. *Casual Substitute Medical Laboratory Technologists* jistgħu jaħdmu fuq bażi *full-time* jew *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata*. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time,* japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari tal-MPO 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas jkunu japplikaw.

3. Casual Substitute Medical Laboratory Technologists may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Laboratory Technologist* tkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

4. A Casual Substitute Medical Laboratory Technologist will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Medical Laboratory Technologist will have his/her contract terminated.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Casual Substitute Medical Laboratory Technologist* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Medical Laboratory Technologist at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. *Casual Substitute Medical Laboratory Technologists* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

6. Casual Substitute Medical Laboratory Technologists will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. Id-dmirijiet ta' *Casual Substitute Medical Laboratory Technologists* jinkludu:

7. The duties of a Casual Substitute Medical Laboratory Technologist include:

(a) assessjar u trattament ta' pazjenti kif ikunu allokati minn impjegati anzjani;

(a) assessing and treating patients as allocated by Senior Staff;

(b) żamma ta' *records* korretti skond il-*policies* u l-proċeduri tad-Diviżjoni;

(b) keeping accurate records in accordance with Divisional policies and procedures;

(ċ) żvilupp ta' tagħrif kliniku permezz ta' attendenza ta' attivitajiet relevanti edukattivi u kliniċi.

(c) developing clinical knowledge by attending relevant educational and clinical activities;

(d) tagħmel użu mis-sistemi ta' teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

(d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

8. L-applikanti għandhom:

8. Applicants must:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(b) have the ability to communicate with the Maltese and English Languages;

(ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Medical Laboratory Technologist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

(c) in possession of a certificate of registration as Medical Laboratory Technologists with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux

(d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority

aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kap. 413, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

12. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

13. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jigi aċċertat li huma adattati għall-post.

14. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

15. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided).

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

13. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

15. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

16. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Diċembru 2004.

17. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu 0356-21 242 884.

18. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Novembru, 2004

16. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 10th December 2004.

17. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is 0356 - 21 242 884.

18. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

19th November, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA, ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Officers* b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Officers* b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' *Casual Substitute Medical Officer* ikun bir-rata ta' Lm6,120 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Medical Officer*.

3. *Casual Substitute Medical Officers* jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata*. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time,* japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari 50/96 tal-MPO u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas jkunu japplikaw.

4. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* tkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Casual Substitute Medical Officer* f'kull żmien billi

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Engagement of Casual Substitute Medical Officers on Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care invites applications for the engagement of Casual Substitute Medical Officers on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Medical Officer will be at the rate of Lm6,120 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Medical Officer.

3. Casual Substitute Medical Officers may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. A Casual Substitute Medical Officer will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Medical Officer will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Medical Officer at any

jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. *Casual Substitute Medical Officers* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

8. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* tkun meħtieġa taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija u li taqdi dmirijiet oħra mediċi ġenerali li jistgħu jiġu assenjati lilha minn żmien għal żmien.

9. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

10.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kap. 413, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-

time on one month's notice in writing or on payment of two weeks salary.

6. Casual Substitute Medical Officers will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. A Casual Substitute Medical Officer will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

8. A Casual Substitute Medical Officer will be required to work in the Department of Psychiatry and to carry out general medical duties as may be assigned to him/her from time to time.

9. Applicants must:

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta.

(d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six months from the closing date of this call for applications should be provided).

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 4130, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health

korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addatat għall-post.

13. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tar-riżultat

14. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addattati għall-post.

15. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

16. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

17. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2004.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

19. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Novembru, 2004

Division and copied to the NCPD.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

13. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

14. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

15. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

16. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

17. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 17th December 2004.

18. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

19. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

19th November, 2004

EU JOINT SITUATION CENTRE

Head of Unit for the Civilian Intelligence Cell
Ref. A/015

The General Secretariat of the council of the European Union is seeking to fill the vacancy of Head of Unit for the Civilian Intelligence Cell based in the EU Joint Situation Centre in Brussels.

1. Team Mission

The EU Joint Situation Centre (SitCen) monitors and assesses events and situations worldwide on a 24-hour basis with a focus on potential crisis regions, terrorism and WMD-proliferation. The SitCen also provides support to the EU SG/HR, EU Special Representatives and other senior officials, as well as for EU crisis management operations.

The SitCen is divided into three Units: the Civilian Intelligence Cell (CIC), comprising civilian intelligence analysts working on political and counter-terrorism assessment; the General Operations Unit (GOU), providing 24-hour operational support, research and non-intelligence analysis; and the Communications Unit (handling communications security issues and running the Council's Comcen). The Head of Unit for SitCen will be the Head of Unit for the CIC, and in the absence of the Director will oversee the activities of all three of the SitCen's units.

2. Individual Duties

Head of Unit of the CIC with responsibility for its day-to-day functioning and output;

To deputise for the Director in his absence, with responsibility for all SitCen analytical, operational and communications activities;

Management of a team of intelligence and security service officers seconded as analysts (seventeen in total);

Presentation, in conjunction with the Director, of CIC reporting in Council bodies, such as the Political and Security Committee (PSC), and first-line interface with Member States Permanent Representations on intelligence and security issues;

Maintaining liaison links with non-EU intelligence and security services, and representing the intelligence activities of the SitCen in international fora where required.

3. General Qualifications Required

Applicants must:

be nationals of one of the Member States of the European Union and enjoy their full rights as citizens;

have fulfilled any obligations imposed on them by the laws concerning military service;

produce the appropriate character references as to their suitability for the performance of their duties.

4. Specific Qualifications/Experience

Essential

Minimum ten years' service within an EU Member State intelligence or security organisation, with a proven track record in senior management;

Previous experience of working on all-source intelligence analysis, with a sound knowledge of current analytical methodology and resources;

Excellent drafting, proof-reading and editing skills;

To have completed a full university education, or to hold an equivalent vocational qualification.

Desirable

IT literacy with a good command of MS Office and Internet tools;

Previous experience in an international working environment;

First-class presentational skills for representing the SitCen to senior EU Officials.

5. Security Clearance

A current TOP SECRET clearance issued by the National Security Authority is a prerequisite.

6. Language Proficiency

Excellent knowledge of English or French, with a high level of proficiency in the other. Knowledge of other EU languages desirable.

7. Selection Procedure

In order to assist the authority empowered to conclude a contract of employment in its choice, an Advisory Selection Board will be set up with instructions to select the best candidate. The Board will initially examine applicants' qualifications and experience and then interview those shortlisted.

The successful candidate will be offered a temporary contract as a Council Agent based in Brussels at Grade A*12, with a basic monthly salary of 9045,09 euros (at the first step), for a period of 3 years which can be renewed only once, for a maximum period of two years.

8. Applications

Applications should be submitted in English or French and should include a covering letter, curriculum vitae (preferably in EU format) and supporting documents confirming the required experience and skills. The closing date for applications is 26 November 2004, the postmark serving as proof.

Starting date 1 January 2005.

Applications will be treated in the strictest confidence and will not be returned.

Applications should be sent to:

Vacancy Ref. A/015 (SITCEN)
Selection and Recruitment Department
General Secretariat of the Council of the European Union
Rue da la Loi 175
B – 1048 Brussels
Belgium

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

19th November, 2004

EUROPEAN UNION

Recruitment of Senior Management Staff from The New Member States with the European Commission

Vacancy Notice for a Director-General (Grade A* 15) at the Joint Research Centre

(Ref: COM/R/7022/04)

The Official Journal of the European Union, No C 277 A dated 12th November 2004, published a corrigendum stating that the closing date for online registration for the above-mentioned post should be 30th November 2004 by 1200 noon, Brussels time, and not 15th November 2004 by 1200 noon Brussels time as advertised in Official Journal of the European Union No. C 234 A of 21st September 2004.

Further details may be seen on the above Official Journals of the European Union or by visiting the website of the Directorate-General Personnel and Administration at:
http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm/1.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

19th November, 2004

AVVIŻ TAR- REĠISTRATUR TAL-KUMPANNIJI

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf illi b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004, id-dikjarazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma':–

a) dokumenti konsenjati, mogħtija jew notifikati lilu għar-reġistrazzjoni;

b) ċertifikati maħruġa minnu wara r-reġistrazzjoni, bdil ta' isem, bdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà; u

ċ) tħassir ta' isem ta' soċjetà mir-reġistru;

liema dikjarazzjonijiet huma meħtieġa li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 (1)(e) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, 1962 u l-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations,* 2004 huma, bis-saħħa ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ippubblikati u qegħdin fl-*internet web-site* uffiċjali tar-Reġistratur tal-Kumpanniji: **http://registry.mfsa.com.mt**

Il-pubbliku jista' jara kopja stampata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kumpanniji fl-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Ħ'Attard.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

L-1 ta' Settembru, 2004

NOTICE OF REGISTRAR OF COMPANIES

The Registrar of Companies hereby notifies that with effect from the 1st September 2004, all statements relating to:–

(a) documents delivered, given or served on him for registration;

(b) certificates issued by him on the registration, change of name, conversion, amalgamation or division of a commercial partnership; and

(c) the striking off the register of the name of a commercial partnership;

which statements are required to be published in the Government Gazette in terms of article 401 (1)(e) of the Companies Act 1995 and also in terms of the relevant provisions of the Commercial Partnerships Ordinance, 1962 and the Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 are, by virtue of article 16 of the Interpretation Act, published and available on the official internet web-site of the Registrar of Companies at: **http://registry.mfsa.com.mt**

A hard copy of all such statements is available for public inspection during office hours at the premises of the Registry of Companies at the Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Attard.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

1st September, 2004

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Kompetizzjoni għall-Monument f'Ġieħ Dun Ġużepp Cauchi

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz qed iniedi kompetizzjoni għall-aħjar disinn ta' monument f'ġieħ Dun Ġużepp Cauchi. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-uffiċċju tal-Kunsill waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju li huma mit-8.00 a.m. sa l-4.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Il-Kunsill qed jagħti l-premju ta' Lm50 għall-aħjar disinn. Id-disinn ser jiġi magħżul minn bord apposta maħtur mill-Kunsill Lokali San Lawrenz. Il-Kunsill jgħarraf li jista' jirrifjuta kull disinn sottomess. Is-sottomissjonijiet għandhom jaslu fl-uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Diċembru, 2004.

Id-19 ta' Novembru, 2004

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

Competition for the Monument in Honour of Dun Ġużepp Cauchi

San Lawrenz Local Counci has launched a competition for the best design for the monument in honour of Dun Ġużepp Cauchi. Further information may be obtained from the Council's office during office hours, that is from 8.00 a.m. to 4.00 p.m. from Monday to Friday. The Council is awarding a prize of Lm50 for the best design. The design will be chosen by an appropriate board appointed by the San Lawrenz Local Council. The Council notifies that it can reject every design submitted. The submissions must reach the Council's office by not later than Friday, 17th December, 2004.

19th November, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Novembru, 2004, għal:

CT 259/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *beta interferon 1B* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Settembru 2004.

CT 260/2004. Provvista ta' *biosynthetic insulin zinc suspension (mixed)* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Settembru 2004.

CT 262/2004. Provvista ta' *olanzapine 10mg tablets* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Settembru 2004.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Diċembru, 2004, għal:

CT 313/2004. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' vetturi li mhumiex servibbli – Forzi Armati ta' Malta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-7 ta' Diċembru, 2004, għal:

CT 261/2004. Provvista ta' *PTCA balloon catheters* – Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th November, 2004, for:

CT 259/2004. Supply of beta interferon 1B injections – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 24th September 2004.

CT 260/2004. Supply of biosynthetic insulin zinc suspension (mixed) – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 24th September 2004.

CT 262/2004. Supply of olanzapine 10mg tablets – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 24th September 2004.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd December, 2004, for:

CT 313/2004. Sale tale quale and removal of unserviceable vehicles – Armed Forces of Malta.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 7th December, 2004, for:

CT 261/2004. Supply of PTCA balloon catheters - Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħtet fid-29 ta' Settembru 2004.

CT 263/2004. Provvista ta' *peritoneal dialysis bags and accessories for home choice system* – Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħtet fid-29 ta' Settembru 2004.

CT 268/2004. Provvista ta' *dressing pads 20cm x 30cm* - Dipartiment tas-Saħħa.

